



Kumitat għall-Baġits

2018/0233(COD)

6.11.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni
(COM(2018)0443 – C8-0260/2018 – 2018/0233(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Manuel dos Santos

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva

Emenda

1a. Jissottolinja l-pożizzjoni tiegħu skont liema l-Unjoni għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex tipprevjeni u tiġġieled kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa bil-għan li jiġi sostnut is-suq uniku, titrawwem il-kompetittività u jiġu ppreservati l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, f'konformità mal-SDG 16, "Paċi, ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom";

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Bil-provvista ta' qafas għal azzjonijiet li jappoġġa s-suq uniku, irawwem il-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa; għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv bla bżonn għaċ-ċittadini u n-negozji fi tranżazzjonijiet transfruntiera; għall-kisba tal-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku u t-trawwim tal-kompetittività tal-Unjoni; u għall-appoġġ ta' approċċ konġunt

(3) Bil-provvista ta' qafas għal azzjonijiet li jappoġġa s-suq uniku, irawwem il-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa; għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv bla bżonn għaċ-ċittadini u n-negozji fi tranżazzjonijiet transfruntiera; ***għat-titjib, it-tħaddim, is-sostenn u l-implimentazzjoni tas-Sistemi ta' Informazzjoni Ewropej għat-Tassazzjoni***; għall-kisba tal-potenzjal sħiħ

tal-Unjoni f'fora internazzjonali.

tas-Suq Uniku u t-trawwim tal-kompetittività tal-Unjoni; u għall-appoġġ ta' approċċ konġunt tal-Unjoni f'fora internazzjonali.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) L-azzjonijiet li kienu japplikaw taħt il-programm Fiscalis 2020 *wrew* li kienu adegwati u għaldaqstant jenħtieġ li jinżammu. Sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibilità fit-twettiq tal-Programm u b'hekk jintlaħqu aħjar l-għanijiet tiegħu, jenħtieġ li l-azzjonijiet jiġu definiti biss f'termini ta' kategoriji ġenerali b'lista ta' eżempji illustrattivi ta' attivitajiet konkreti. Jenħtieġ li l-programm Fiscalis jipromwovi u jappoġġa wkoll l-użu u l-isfruttament tal-innovazzjoni biex ikompli jtejjeb il-kapaċitajiet li jintlaħqu l-prijoritajiet ewlenin tat-tassazzjoni, permezz tal-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità.

Emenda

(7) L-azzjonijiet li kienu japplikaw taħt il-programm Fiscalis 2020 *urew* li kienu adegwati u għaldaqstant jenħtieġ li jinżammu. Sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibilità fit-twettiq tal-Programm u b'hekk jintlaħqu aħjar l-għanijiet tiegħu, jenħtieġ li l-azzjonijiet jiġu definiti biss f'termini ta' kategoriji ġenerali b'lista ta' eżempji illustrattivi ta' attivitajiet konkreti, ***jenħtieġ li l-azzjonijiet jagħtu wkoll appoġġ għat-titjib tal-proċeduri amministrattivi u għall-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki amministrattivi.*** Jenħtieġ li l-programm Fiscalis jipromwovi u jappoġġa wkoll l-użu u l-isfruttament tal-innovazzjoni biex ikompli jtejjeb il-kapaċitajiet li jintlaħqu l-prijoritajiet ewlenin tat-tassazzjoni, permezz tal-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Meta titqies l-importanza tal-globalizzazzjoni, jenħtieġ li l-Programm ikompli jipprovdi l-possibilità li jiġu involuti esperti esterni skont it-tifsira tal-Artikolu 238 tar-Regolament Finanzjarju. Dawk l-esperti esterni jenħtieġ li jkunu prinċipalment rappreżentanti tal-

Emenda

(9) Meta titqies l-importanza tal-globalizzazzjoni, jenħtieġ li l-Programm ikompli jipprovdi l-possibilità li jiġu involuti esperti esterni skont it-tifsira tal-Artikolu 238 tar-Regolament Finanzjarju. Dawk l-esperti esterni jenħtieġ li jkunu prinċipalment rappreżentanti tal-

awtoritajiet governattivi, anke minn pajjiżi terzi mhux assoċjati, kif ukoll rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tal-operaturi ekonomiċi, tal-kontribwenti u tas-soċjetà ċivili.

awtoritajiet governattivi, anke minn pajjiżi terzi mhux assoċjati, kif ukoll rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tal-operaturi ekonomiċi, tal-kontribwenti u tas-soċjetà ċivili. ***Il-proċess tal-għażla relatat jenħtieġ li jimmira li jikseb bilanċ bejn il-ġeneri fost l-esperti esterni, bi qbil mal-SDG 5, "Tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha";***

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) B'mod partikolari, għal raġunijiet ta' kosteffikaċja, il-programm Fiscalis irid jisfrutta s-sinerġiji possibbli flimkien ma' miżuri oħrajn tal-Unjoni f'oqsma relatati, bħall-Programm għad-Dwana, il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi, il-Programm tas-Suq Uniku u l-Programm ta' Appoġġ għal Riforma.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) L-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità fit-Teknoloġija tal-Infommazzjoni (IT) huma stabbiliti biex jattiraw il-biċċa l-kbira tal-baġit taħt il-Programm. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi jiddeskrivu l-komponenti komuni u nazzjonali tas-sistemi elettroniki Ewropej, rispettivament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-

(11) L-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità fit-Teknoloġija tal-Infommazzjoni (IT) huma stabbiliti biex jattiraw il-biċċa l-kbira tal-baġit taħt il-Programm. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi jiddeskrivu l-komponenti komuni u nazzjonali tas-sistemi elettroniki Ewropej, rispettivament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. ***Jenħtieġ li jkun hemm***

Istati Membri.

interoperabilità bla problemi fost l-elementi komuni u nazzjonali tas-sistemi u tas-sinerġiji elettroniċi Ewropej mas-sistemi elettroniċi l-oħra tal-programmi rilevanti tal-UE.

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Programm għandu l-għan speċifiku li jappoġġa l-politika tat-tassazzjoni, il-kooperazzjoni dwar it-taxxa u l-bini tal-kapaċità amministrattiva, inkluża l-kompetenza **umana**, u l-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej.

Emenda

2. Il-Programm għandu l-għan speċifiku li jappoġġa l-politika tat-tassazzjoni, il-kooperazzjoni dwar it-taxxa u l-bini tal-kapaċità amministrattiva, inkluża l-kompetenza **u l-ħiliet umani tal-awtoritajiet tat-taxxa u tal-uffiċjali tat-taxxa fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati l-oħra li ssieħbu fil-programm, kif ukoll** l-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021 – 2027 għandu jkun ta' EUR 270 000 000 fi prezzijiet kurrenti.

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021 – 2027 għandu jkun ta' EUR 300 000 000 **fi prezzijiet tal-2018 (jiġifieri EUR 339 000 000** fi prezzijiet kurrenti).

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1

Emenda

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1

jista' jkopri wkoll spejjeż ta' preparazzjoni, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu, ta' evalwazzjoni u ta' attivitajiet oħra għall-ġestjoni tal-Programm u għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-għanijiet tiegħu. Barra minn hekk jista' jkopri l-ispejjeż relatati mal-istudji, mal-laqgħat ta' esperti, ma' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, **sa fejn ikunu** relatati mal-għanijiet tal-Programm, kif ukoll spejjeż marbuta ma' netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi l-għodod **korporattivi** tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Programm.

jista' jkopri wkoll spejjeż ta' preparazzjoni, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu, ta' evalwazzjoni u ta' attivitajiet oħra għall-ġestjoni tal-Programm u għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-għanijiet tiegħu. Barra minn hekk jista' jkopri l-ispejjeż relatati mal-istudji, mal-laqgħat ta' esperti, ma' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, **dment li jkunu** relatati mal-għanijiet tal-Programm, kif ukoll spejjeż marbuta ma' netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi l-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Programm **li għandhom isaħħu l-kompetenzi u l-ħiliet tal-awtoritajiet tat-taxxa u tal-uffiċjali tat-taxxa fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati l-oħra li ssieħbu fil-programm.**

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) azzjonijiet ta' bini tal-kompetenza u tal-kapaċità umana;

Emenda

(d) azzjonijiet ta' bini tal-kompetenza u **tal-ħiliet kif ukoll** tal-kapaċità umana;

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn **erba'** snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

Emenda

2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn **tlit** snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn ***erba' snin*** wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni.

Emenda

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn ***sentejn*** wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni ***korporattiva*** dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-programm “Fiscalis” għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni
Referenzi	COM(2018)0443 – C8-0260/2018 – 2018/0233(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 14.6.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 14.6.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Manuel dos Santos 11.7.2018
Eżami fil-kumitat	25.9.2018
Data tal-adozzjoni	5.11.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 5 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Karine Gloanec Maurin, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Marco Valli
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Detjen, Stefan Gehrold

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

24	+
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez
PPE	Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Stefan Gehrold, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Inese Vaidere
S&D	Michael Detjen, Eider Gardiazabal Rubial, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Vladimír Maňka, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Indrek Tarand

5	-
ECR	Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk
ENF	André Elissen, Marco Zanni
NI	Eleftherios Synadinos

1	0
EFDD	Marco Valli

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni